MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-1 ta' Mejju, 2014

Numru 1/2014

Il-Pulizija

(Spettur Rennie Stivala)

Vs

Jonathan Baldacchino

Illum 1 ta' Mejju, 2014,

Il-Qorti,

Rat illi l-imsemmi Jonathan Baldacchino ta' 29 sena, iben Marco u Anna nee' Borg, imwieled Pieta' fid-9 ta' April, 1985, residenti, 45, Triq San Trofimu, Sliema, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru: 219985M gie mressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) mixli talli f'xi ġranet, bejn Lulju u Settembru 2012, u anke fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnhu li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:

1. B'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'ohra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti mmaġinarji jew sabiex

iqanqal tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, biex jagħmel qliegħ għaliħ jew għal persuni oħra, ta' aktar minn elfejn , tlett mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin centeżmu (€2,329.37) għad-dannu ta' Paul Nice.

2. U aktar talli, fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi, għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
3. U aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi xjentement għamel użu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza;

Rat illi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-seduta tas-6 ta' Gunju, 2013, fuq talba tad-difiża, inħatru esperti mediċi biex jivverifikaw il-kondizzjoni mentali ta' l-imputat;
Rat illi, wara li kien maħluf ir-rapport ta' l-esperti mediċi, l-Avukat Ġenerali, b'rikors tal-4 ta' Frar, 2014, talab, taħt l-art. 402(5) tal-Kodiċi Kriminali, illi l-kwistjoni dwar allegazzjoni ta' ġenn tinġieb quddiem din il-qorti, u li din il-qorti timxi kif iridu l-artt. 620, 627 u 628 tal-Kodiċi Kriminali, sabiex l-istess kwistjoni qabel xejn tiġi maqtugħa minn ġuri;

Rat il-verdett tal-ġurija tal-1 ta' Mejju 2014 fejn il-gurati b' 7 voti favur u 2 voti kontra sabu li Jonathan Baldacchino ma kienx fi stat ta' genn skond il-ligi fil-mument li ghamel dak deskritt fl-akkuza.

Rat l-art. 33 (a), 402, 620, 627 u 628 tal-Kodiċi Kriminali;

Għalhekk tiddikjara illi Jonathan Baldacchino ma kienx fi stat ta' ġenn meta seħħew l-allegati reati. Tordna illi l-atti jintbagħtu lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja għall-kontinwazzjoni tal-proċeduri fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------